**Jekk jogħġbok tiktibx f'dan l-ispazju.**

## A. Il-kitba ta' istruzzjonijiet (10 marki)

Int mitlub/a tikteb istruzzjonijiet ta' **bejn 50 u 60 kelma.**

**Agħżel** bejn **Istruzzjonijiet numru 1** jew **Istruzzjonijiet numru 2.**

1. Ikteb istruzzjonijiet biex jidhru f'magazin għat-tfal dwar kif tista' tipprepara insalata tal-frott li tista' tieħu biex tiffriska fil-ġranet sħan tas-sajf.

**JEW**

2. Ikteb istruzzjonijiet biex jidhru f'magażin għat-tfal dwar kif tista' tagħmel logħba b'materjal riċiklat li tista' tilgħabha mal-ħbieb.

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb l-istruzzjonijiet.**

Dawn il-punti jistgħu jgħinuk.

- X'hemm bżonn?
- Xi jsir l-ewwel?
- Xi jsir iżjed biex titlesta l-insalata tal-frott *jew* il-logħba?

## Istruzzjonijiet _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

## B. Il-kitba ta' ittra informali (20 marka)

Agħżel **waħda** minn dawn l-ittri u iktibha billi tuża **bejn 140 u 200 kelma**.



**1. Immaġina li għadek kif ġejt lura minn vjaġġ madwar id-dinja.**

Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tirrakkontalu/ha dwar il-vjaġġ tiegħek. X'differenzi rajt mill-ħajja Maltija? Għid ukoll f'liema pajjiż tippreferi tgħix u għaliex.

**Iffirma l-ittra bħala Tonio/Tania.**
**L-indirizz tiegħek huwa: 45, Triq il-Kenur, Ħal Merżuq, MŻQ 2354**

*F'din l-ittra tista' tispjega x'rajt fil-pajjiżi li żort li hu differenti mill-gżejjer Maltin. Kien hemm xi affarijiet simili? Hemm xi ħaġa li rajt f'pajjiżi oħra u tixtieq li jkollna fil-gżejjer Maltin? X'għandna fil-gżejjer Maltin li ma sibt fl-ebda pajjiż ieħor?*

**JEW**



**2. Immaġina li għadek kif ġejt lura minn vjaġġ fl-ispazju.**

Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tirrakkontalu/ha x'rajt fil-vjaġġ fl-ispazju. X'differenzi rajt mill-ħajja fid-dinja? Għid ukoll fejn tippreferi tgħix u għaliex.

**Iffirma l-ittra bħala Tonio/Tania.**
**L-indirizz tiegħek huwa: 45, Triq il-Kenur, Ħal Merżuq, MŻQ 2354**

*F'din l-ittra tista' tispjega x'rajt fl-ispazju li hu differenti mill-ħajja fid-dinja. Kien hemm xi affarijiet simili? Hemm xi ħaġa li rajt fl-ispazju li tixtieq li qiegħda wkoll fid-dinja? X'dejqek meta kont fl-ispazju?*

## Il-pjan tal-kitba (2 marki)

Agħmel **il-pjan** tal-kitba fuq l-ittra li għażilt.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

## L-ittra li għażilt (18-il marka)

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-ittra li għażilt.

Il-kitba għandha tkun **bejn 140 u 200 kelma**.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**Tmiem il-karta**